31974D0215

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Lulju 1972
li jikkonkludi l-Ftehim Addizzjonali għall-Ftehim li jikkonċerni l-industrija tal-prodotti ta' l-arloġġ tal-ħajt u ta' l-idejn bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Konfederazzjoni Svizzera

(74/215/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu;

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni;

Billi huwa neċessarju, għall-funzjonalità tal-Ftehim li jikkonċerna l-prodotti ta' l-industrija ta' l-arloġġ kemm tal-ħajt u kif ukoll ta' l-idejn bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Konfederazzjoni Svizzera, iffirmat f'Ġeneva fit-30 ta' Ġunju 1967, li disposizzjonijiet addizzjonali jkunu adottati,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Addizzjonali għall-Ftehim li jikkonċerna l-prodotti ta' l-industrija ta' l-arloġġi kemm tal-ħajt kif ukoll ta' l-idejn bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Konfederazzjoni Svizzera, hawnhekk ikkonkluda f'isem il-Komunità u d-dokument tiegħu jidher fl-Anness.

Artikolu 2

Mr Th. C. Hijzen, aġent Direttur-Ġenerali għall-Kummerċ Estern tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej huwa hawnhekk awtorizzat li jiffirma, f'isem il-Kunsill, il-Ftehim speċifikat fl-Artikolu 1. Dan il-Ftehim jorbot il-Komunità.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1972.

F'isem il-Kunsill

Il-President

Th. E. WESTERTERP